# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 320/2015**

Il-Pulizija

vs

**Shone Agius**

iben Philip, imwieled Pieta', fl-10 ta' Lulju, 1973, detentur tal-karta tal-identita' numru 123673(M)

Illum 25 ta' Settembru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Shone Agius quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

1. Talli Nhar it-23 ta' Novembru, 2005 għall-ħabta ta' 14:45hrs ta' wara nofsinhar, ġewwa Triq Mrabat, Sliema, seraq bagalja minn ġewwa l-vettura AAI389 għad-dannu ta' Dr Islam Wali, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan ai termini tal-Artikolu 261(g) u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, xjentement xtara jew laqa' għandu oġġetti misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta,

jew xjentement b'kull mod ieħor li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxiehom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U fl-aħħarnett talli sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel, kif ukoll talli kkommetta reat fil-perjodu opeattiv ta' sentenza sospiża.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-2 ta' Ġunju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 261, 271, 279, u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati.

Rat ukoll l-Artikolu 28A u 28B tal-Kapitolu 9 imsemmi, u fl-ewwel lok attivat s-sentenza sospiża, cioe' dik ta' sentejn (2) priġunerija, u fuq l-akkużi tal-lum, li issa nstab ħati tagħhom, ikkundannatu għal piena karċerarja ta' ħdax(11)-il xahar, u dan anke wara li rat l-Artikolu 20 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illiberatu mill-effetti addebitati taħt l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu dan huwa wieħed alternattiv.

Rat ir-rikors tal-appellanti Shone Agius minnu ppreżentat fil-11 ta' Ġunju, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma fejn din sabitu ħati tal-akkużi dedotti kontra tiegħu iżda tvarja l-istess sentenza fejn din rrendiet operattiva s-sentenza preċedentament sospiza u kkundannatu ħdax-il xahar priġunerija u minflok tipprovdi għal piena aktar mita u idoneja fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi fl-ewwel lok, l-appellanti ma jifhimx kif l-ewwel Onorabbli Qorti deherilha illi għandha timxi mar-rakkomandazzjoni li ingħatat fil-*pre-sentencing report* mill-Probation Officer u għaldaqstant, iddeċidiet illi tagħtih piena karċerarja. Il-Probation Officer qalet fir-rapport tagħha illi minkejja l-fatt illi ġie reġistrat illi l-appellant għamel progress notevoli fil-ġlieda tiegħu kontra l-abbuż *"Biss għal fini ta' rakkomandazzjoni, wieħed ma jistax jinjora l-fatt illi r-reat twettaq waqt perjodu*

*operattiv ta' sentenza sospiża kif ukoll il-fatt li huwa rrenda ruħu reċidiv, b'hekk qed tiġi ssuggerita piena ta' priġunerija fil-minimu. B'dan il-mod l-imputat waqt li jikkonsolida l-progress li għamel, ikompli jaħdem fuq il-problema tad-droga u ta' imġieba f'ambjent ikkontrollat".* L-appellanti ma jistax isegwi l-logika tas-suggeriment tal-Pobation Officer għax ġaladarba hija stess irrikonexxiet illi *"Shone għamel progress fir-rigward tal-problema tad-droga għaliex mit-testijiet tal-urina jirriżulta li dawn qed ikunu negattivi għal sustanzi lleċiti, Barra minn hekk, ma jirriżultax li Shone reġa' kkommetta reat ieħor mill-2011 'l hawn"*, għala in vista  ta' tali progress, sentenza karċerarja kienet mandatorja. Minflok l-ewwel Onorabbli Qorti rrendiet operattiva sentenza sospiża ta' sentejn ħabs meta setgħet testendi t-terminu operattiva tas-sospenzjoni tagħha u dana anke biex tirrikonoxxi l-progress imwettaq mill-appellant. Ċertament illi l-effett tas-sentenza appellata m'hijiex piena karċerarja fil-minimu kif irrakkomandat il-Probation Officer imma piena effettiva ta' sentejn u ħdax-il xahar ħabs u dana huwa ċertament ferm aħrax fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern u l-mod kif l-appellant irriforma ruħu u qiegħed jibni ħajtu mill-ġdid.

Illi fit-tieni lok, il-piena ta' ħdax il-xahar priġunerija li ingħatat fis-sentenza hawn appellata hija piena esagerata severa tenut kont tal-fatti kollha tal-każ, kif ukoll l-ammissjoni tal-appellant u t-tul sabiex il-proċeduri quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti jiġu espletati. L-ewwel Onorabbli Qorti skartat ir-rakkomandazzjoni tal-Probation Officer Marietta Lanzon u ma tatux piena fil-minimu imma kkundannatu għal 11-il xahar ħabs minkejja l-ammissjoni tiegħu. L-appellanti jħoss l-ewwel Onorabbli Qorti setgħet tatu piena mhux karċerarja sabiex jikkonsalida r-riformi li wettaq f'ħajtu imma fi kwalunkwe każ, ma kellux jeħel aktar minn seba' (7) xhur ħabs għall-akkużi ammessi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell huwa dwar il-piena u jista' jkun sintetizzat hekk: l-appellant ma jistax isegwi l-loġika tal-Probation Officer li wriet apprezzament għall-progress li għamel l-appellant u fl-istess waqt irrakkomandat li għandu jingħata piena karċerarja effettiva. Skont l-appellant, il-Qorti tal-Maġistrati, minflok estendiet il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża, ġabitha fis-seħħ. It-tieni, il-perjodu ta' ħdax-il għaxar priġunerija mogħti għas-serqa huwa wieħed eċċessiv.

L-ewwelnett il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbawx il-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waħda ġusta u fil-parametri tal-liġi.

L-appellant jissottometti li ma jistax isegwi l-loġika tal-probation officer. L-appellant m'għandux raġun dwar dan il-punt. Ir-rapport dwar l-appellant tħejja bir-reqqa mill-probation officer u dan tal-aħħar apprezza wkoll il-progress li għamel l-appellant. (Biex tkun evitata ripetizzjoni, ara s-silta mir-rapport ċitata mill-Qorti tal-Maġistrati a fol.4 tas-sentenza) Ma jfissirx li għax l-appellant għamel progress, allura wieħed jinjora l-ħtija u ċ-ċirkostanzi l-oħra bħalma huma r-reċidiva, is-sentenza sospiża u l-fedina penali raffretarja tal-appellant. Filfatt il-fedina penali turi ksur tal-liġi diversi drabi u li l-appellant ingħata ċansijiet għal aktar minn darba. Ir-rakkomandazzjoni tal-Probation Officer ppruvat issib il-bilanċ u ebda regoli tal-loġika ma nkisru meta l-Probation Officer irrakkommanda piena karċerarja minima meta hemm progress.

L-appellant jillamenta li l-Qorti tal-Maġistrati ġabet fis-seħħ is-sentenza sospiża li kienet ingħatat fl-24 ta' Jannar 2002. Il-fatt li l-probation officer rrakkomandat sentenza fil-minimu tagħha għar-reat li jidher fiċ-ċitazzjoni **ta' llum** ma jfissirx b'daqshekk li s-sentenza sospiża għandha tkun estiża. Anzi, bil-maqlub, il-Probation Officer tgħid li s-sentenza sospiża kienet waħda mill-elementi li wieħed ma jistax jinjora. Għalhekk il-Qorti ma qed issib ebda nuqqas ta' loġika f'dan kollu. Għalhekk qed tiċħad dan l-ewwel aggravju.

Il-Qorti tgħaddi għat-tieni aggravju hawn fuq imsemmi. L-appellant ammetta għal darba, darbtejn li hu ħati tas-serqa li saret minn karozza u li sar reċidiv. L-artikoli 261(g), 271 (g) japplikaw u japplika wkoll l-artikolu 281(a) tal-Kap 9 għal dik li hija piena. Il-piena hawn prospettata hija ta' dik bejn seba' xhur u sentejn. Bir-reċidiva l-piena tista' titla' bi grad, jiġifieri bejn disa' xhur u tliet snin. Il-piena ta' ħdax-il xahar mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati hija qrib il-minimu. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dan it-tieni aggravju.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad l-appell ta' Shone Agius u tikkonferma s-sentenza applellata.